## 15 ta' Frar, 1957

**Imħallfin:—**

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Gio Batta D'Anastas sive D'Anastasi *versus* Luigi Portelli

## Lokazzjoni — Board tal-Kera — Sentenza — Żball — Ġudikat

*Sentenza tal-Board tal-Kera li biha tiġi milqugħa t-talba tal-lokatur għall-iżgumbrament mill-fond indikat fir-rikors, iżda li fiha l-fond jiġi bi żball indikat diversament minn dak li hu ndikat fir-rikors, ma tik-kostitwix ostaklu ta' ġudikat għall-finijiet ta' kawża oħra li wara*

*jagħmel dak il-lokatur biex jerġa' jitlob l-iżgumbrament tal-inkwilin minn dak il-fond; għax f'din it-tieni kawża jonqos l-element tal-identità tal-oġġett tad-domanda, billi s-sentenza tkun ordnat l-iżgumbrament minn fond divers minn dak li minnu jintalab l-iżgumbrament fit-tieni kawża. U dan avvolja jkun evidenti li l-fond huwa identiku fiż-żewġ kawżi, u jkun ċar li l-kwistjoni kollha kienet l-effett ta' żball; għax għall-finijiet tal-ġudikat hija s-sentenza li tgħodd, u mhux it-talba biss; u ladarba dak l-iżball fis-sentenza ma ġiex korrett, is-sentenza tal-Board tibqa' dik li hi, u għalhekk tolqot fond divers minn dak li hu imsemmi fit-tieni kawża.*

Il-Qorti;—Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera sabiex jieħu taħt idejh il-fond nru. 4 Sqaq San Vincenzo Ferreri, Rabat, mikri lill-intimat, u dan peress li għandu bżonnu għall-użu tiegħu u tal-familja tiegħu;

Rat ir-risposta tal-intimat, fejn issottometta l-eċċezzjoni tal-"non bis in idem", billi l-Board ġa ddeċieda rikors fuq l-istess post bejn l-istess partijiet; u fit-tieni lok li l-proċedura adottata mir-rikorrent hija irregolari, peress li kien imissu pproċeda għar-ritrattazzjoni skond l-art. 814(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Rat l-atti tar-rikors nru. 180/1956 fl-istess ismijiet, deċiż minn dak il-Board fil-21 ta' April 1956, u mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-18 ta' Ġunju 1956;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera taż-17 ta' Ottubru 1956, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tar-"res judicata", u l-intimat ġie liberat mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż; billi l-Board ikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-fatti li taw lok għal dan ir-rikors huma dawn li ġejjin. Ir-rikorrent D'Anastasi, b'rikors preżentat quddiem dan il-Board fis-27 ta' Frar 1956, talab li jieħu taħt idejh il-fond numru 4 Sqaq San Vincenzo Ferreri, Rabat, mikri lill-intimat Portelli; u dana għall-użu tiegħu personali, pe-

ress li kien jinsab żgumbrat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Frar 1956 in re "Giuseppe Azzopardi vs. Gio Batta D'Anastas". Il-Board, b'sentenza tal-21 ta' April 1956, laqa' t-talba, u pprefiġġa għall-fini tal-iżgumbrament sal-24 ta' Mejju 1956, bl-ispejjeż mingħajr taxxa;

F'dina s-sentenza, iċ-Chairman, inavvertitament, fil-preambolu fejn ġiet riprodotta t-talba tar-rikorrent, minflok "Sqaq San Vincenzo Ferreri", kiteb "Sqaq San Lorenzo Ferreri". Għal kwalunkwe bwon fini jingħad li dana l-Isqaq San Lorenzo Ferreri ma jeżistix, u lanqas jista' jeżisti, għaliex il-qaddis li għalieh jinsab imsemmi huwa "San Vincenzo Ferreri", u San Lorenzo Ferreri sal-lum ħadd ma semmieħ;

Peress li l-intimat ħass ruħu aggravat, appella quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u b'sentenza tat-18 ta' Ġunju 1956 l-appell ġie dikjarat irritu u null, bl-ispejjeż kontra l-appellant Portelli. Fit-12 ta' Lulju 1956 ir-rikorrent Gio Batta D'Anastas talab li jiġi spedit mandat ta' żgumbrament in eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn dana l-Board fil-21 ta' April 1956, li ma ġiex eżegwit; u b'rikors tal-25 ta' Lulju 1956 ir-rikorrent D'Anastasi, wara li ppremetta li l-mandat ta' żgumbrament minnu mitlub ma setgħax jiġi eżegwit, billi fis-sentenza, bi żball evidenti, l-indirizz tal-fond ġie ndikat bħala sitwat f'San Lorenzo Ferreri Street, Sqaq 4, Rabat, mentri kellu jkun "San Vincenzo Ferreri Street, Sqaq 4, Rabat", talab li dana l-iżball jiġi korrett billi fis-sentenza l-kelma "Lorenzo" tiġi sostitwita' b'dik ta' "Vincenzo". Dina t-talba ġiet miċħuda b'digriet ta' dan il-Board tas-26 ta' Lulju 1956, billi mis-sentenza kienu għaddew iżjed minn tletin ġurnata kontemplati fl-art. 828(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u fl-aħħar ir-rikorrent D'Anastas avanza t-talba odjerna;

Illi r-rikorrent issottometta li l-intimat qabel miegħu illi l-estremi tal-ġudikat huma tlieta, "eadem res", "eaedem

personae", u "eadem causa petendi". Fejn ma jaqblux huwa jekk l-oġġett taż-żewġ rikorsi huwiex identiku; għaliex skond ir-rikorrent, fis-sentenza mogħtija wara l-ewwel rikors, fil-parti preliminari, il-fond mitlub ġie ndikat bħala sitwat fin-numru 4 Sqaq San Lorenzo Ferreri, Rabat, mentri l-intimat isostni li, għalkemm l-oġġett tar-rikors preżenti huwa sitwat fin-numru 4 Sqaq San Vincenzo Ferreri, Rabat, l-oġġett taż-żewġ rikorsi huwa l-istess, tant li firrikors li bih inbdew il-proċeduri in kwistjoni r-rikorrent indika bħala oġġett li tiegħu ried jirriakkwista l-pussess huwa dak il-fond okkupat mill-intimat, u li jinsab ir-Rabat numru 4 Sqaq San Vinċens Ferreri; mhux biss, imma għamel fir-rikors preżenti riferenza għall-provi li kienu nstemgħu f'dak preċedenti;

Illi, bla dubju ta' xejn, l-oġġett taż-żewġ rikorsi, li bihom ir-rikorrent talab li jieħu lura l-fond mikri lill-intimat huwa uniku. Infatti, fiż-żewġ rikorsi ta l-istess indirizz talpost, imma, biex ikun iżjed identifikabbli l-fond, ġie dikjarat fiż-żewġ każi li l-fond huwa dak mikri lill-intimat, u lill-intimat fond wieħed biss ġie mikri, dak ċjoè li jinsab ir-Rabat, Sqaq San Vincenzo Ferreri numru 4;

Illi, b'argument biex isostni t-teżi, ir-rikorrent issottometta illi huwa meħtieġ li l-oġġett ikun dak li jirriżulta mill-korp tas-sentenza, u mhux minn atti oħra tal-proċess;

Illi fil-ħin li huwa veru li fil-parti preliminari tas-sentenza l-fond ġie ndikat erroneament bħala li huwa sitwat fi Trieq San Lorenzo Ferreri, li fil-fatt ma teżistix, mentri li kellu jkun deskritt fi Trieq San Vincenzo Ferreri, però huwa veru wkoll li fil-parti dispożittiva tas-sentenza, li hija dik li torbot u li għandha forza eżekuttiva, jingħad testwalment "jiddeċidi billi jilqa' t-talba, u għall-fini tal-iżgumbrament......" Issa, huwa fatt innegabbli li t-talba hija dik li ssir mir-rikorrent fir-rikors, u mhux mill-ġudikant, u konsegwentement, għall-fini tal-ġudikat, mhux dak li jista' talvolta jiġi erroneament indikat fil-parti preliminari, bħallkaż in ispeċje, li jirradika l-oġġett tat-talba, imma dak li

jkun ġie effettivament mitlub biċ-ċitazzjoni jew bir-rikors (art. 217 Kodiċi tal-Proċedura);

Illi argument ieħor tar-rikorrent huwa illi, meta l-marixxall mar biex jeżegwixxi l-ewwel sentenza, ma setgħax ikompli l-eżekuzzjoni, għaliex fis-sentenza ġiet ordnata r-ripreża ta' fond ineżistenti;

Illi huwa veru li t-talba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza preċedenti ma ġietx approvata; però dan ma jfisserx illi r-rikorrent kellu jinjora kompletament dik is-sentenza, u, qabel ma jottjeni deċiżjoni ta' Qorti kompetenti, jirrikorri għall-espedjent li javanza talba oħra in kontestazzjoni talistess intimat u għall-istess oġġett. Ir-rikorrent kellu diversi rimedji li għalihom seta' jirrikorri, u li ttraskura milli jieħu, bħal ma huwa l-appell mis-sentenza b'mod prinċipali jew inċidentali, talba għall-korrezzjoni skond l-art. 828 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew dak tar-ritrattazzjoni fiż-żmien preskritt;

Illi fil-każ li jiġi ritenut minn Qorti kompetenti li s-sentenza mhijiex eżegwibbli għaliex l-intimat ġie kundannat jiżgombra minn fond li huwa ma kienx qiegħed jokkupa, il-kwistjoni odjerna tkun paragunabbli ma' dik li tkun iddeċediet "extra petita", f'liema l-aħħar każ ir-rimedju konsentit ma hux dak tar-riproponiment tal-istess talba, għall-istess oġġett, in kontestazzjoni tal-istess persuna, imma dak tal-appell minn sentenza, u, salvi l-kondizzjonijiet preskritti mill-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura, dak tar-ritrattazzjoni;

Illi għalhekk, "rebus sic stantibus", kontra t-talba odjerna tar-rikorrent josta l-ġudikat;

Rat ir-rikors tal-attur, li bih dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera, u talab ir-revoka tas-sentenza appellata u ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tar-"res judicata", u okkorrendo l-eċċezzjoni l-oħra sollevata mill-intimat, u talab li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risporta tal-intimat appellat, li wieġeb li l-partijiet qablu li fiż-żewġ kawżi hemm l-istess partijiet u l-istess "causa petendi", iżda hemm kuntrast biss fuq l-oġġett tad-domanda; u fir-rikorsi taż-żewġ kawżi hemm l-istess domandi; u l-indikazzjoni erronea fil-parti preliminari tas-sentenza ma tagħtix lok għal proċediment ġdid, u għalhekk hemm il-ġudikat;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Board fil-kawża bejn l-istess partijiet fil-21 ta' April, 1965, il-Board indika l-fond in kwistjoni bħala "numru 4 Sqaq San Lorenzo Ferreri, Rabat", għalkemm fir-rikors il-fond kien indikat bħala "numru 4 Sqaq San Vinċenzo Ferreri, Rabat". L-intimat appella quddiem dil-Qorti, u dil-Qorti ddikjarat null l-appell, għax is-sentenza tal-Board ma kienetx appellabbli. L-attur talab il-korrezzjoni tal-indikazzjoni tal-fond fis-sentenza tal-Board lill-Board, u l-Board ċaħad it-talba. Intant l-attur ma setgħax jieħu eżekuzzjoni tal-mandat tal-iżgumbrament in eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Board minħabba l-indikazzjoni erronea tal-fond tiegħu fis-sentenza tal-Board. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi huwa ċar li, għalkemm it-talba kienet tirrigwarda l-fond nru. 4 Sqaq San Vincenzo Ferreri, fil-fatt bi żball il-Board ta s-sentenza fuq fond li ma kienx jeżisti minħabba l-indikazzjoni żbaljata tal-fond fis-sentenza. Għall-finijiet tal-ġudikat hija s-sentenza li tgħodd, u mhux it-talba biss. U ladarba s-sentenza tindika bħala oġġett fond divers minn dak li ġie mitlub lura f'dil-kawża, jonqos l-element essenzjali tal-"eadem res" għall-finijiet tar-"res judicata". Li kieku ma kienx hemm dik id-diversità, ma kienx ikun hemm raġuni biex ma jiġix eżegwit il-mandat tal-iżgumbrament b'eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Board. Ladarba l-iżball fis-sentenza tal-Board ma ġiex, tajjeb jew ħażin, korrett, is-sentenza tal-Board baqgħet dik li hi, u għalhekk tolqot fond divers minn dak in kwistjoni;

Għaldaqstant, f'dil-kawża preżenti ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tar-"res judicata";

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata t-tieni eċċezzjoni tal-intimat ma ġietx maqtugħa, u għalhekk dil-Qorti ma għandhiex għalfejn taqtagħha. U billi l-Board illibera l-intimat mill-ħarsa tal-ġudizzju bla ma daħal fil-meritu, hemm lok li l-kawża terġa tinbgħat quddiem il-Board biex titkompla, sabiex ma jiġix minn dil-Qorti prekluż l-eventwali doppju eżami, jekk ikun il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad l-eċċezzjoni tar-"res judicata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat; u tordna li l-kawża terġa tinbgħat quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex titkompla.